Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Giovanni Grixti LL.M., LL.D.

Il-Pulizija

(Spt. Maurice Curmi)

Vs

Manuel Spiteri.

Seduta tal-lum 16 ta' Novembru 2001.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Manwel Spiteri, bin il-mejjet Alessandro, mwieled Ghajnsielem, Ghawdex, karta tal-identita' numru 49829 (G) kif riportati a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

Billi inti akkuzat talli fit-23 ta' Lulju, 1999, ghall-habta tal-10.30pm, f'Ghajnsielem Ghawdex, ikkagunajt griehi ta' natura gravi u cioe sfregju fil-wicc fuq il-persuna ta' Carmelo Grech minn Ghajnsielem Ghawdex, bi stument li jaqta' jew iniggez u cioe' temprin, ai termini tal-Artikoli 216 u 217 tal-Kodici Kriminali, Kap 9, tal-Ligijiet ta' Mata;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi garrejt arma li taqta' u bil-ponto u cioe' temprin minghjar licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u aktar talli volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbiku bl-ghajjat u bil-glied.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tat-18 ta' Dicembru 2000 skond l-artikolu 370(3) tal-kap 9 fejn baghat lill-imputati biex ikun gudikati minn din il-Qorti taht dak li hemm mahsub fl-artikokli 214 sa 218, 338 (dd), 17 (c), 20 23 U 533 tal-Kap 9 u 2, 13, 19 25 sa 27 tal-Kap 66.

Rat illi l-imputat iddikjara illi ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu ikun tratttat u deciz bl-istess procedura;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi l-provi prodotti f'din il-kawza kienu is-segwenti

**Provi Prosekuzzjoni**:

**Dr. Joseph Vella** xehed fl-14 ta' Novembru 2000 u qal illi huwa kien ezamina lil Karmenu Grech f'Lulju tal-1999 u sab li kellu brix fuq minkbu tal-lemin , f'saqajh tax-xellug, grif fuq sidru u f'ghonqu u tlett qatghat f'wiccu. Mitlub mill-Qorti jezamina lill-Karmenu Grech seduta stante, ix-xhud qal li ma jidhirx illi l-feriti hallew sfregju permanenti minkejja li jiftakar li kien ghamillu xi punti f'wiccu.

**PS 187 Mario Cassar** irriproduca dak li qalulu l-partijiet meta investiga l-kaz. Inoltre qal li eleva temprin li kien tajhulu l-imputat stess liema termprin kien ezebit fi proceduri sommarji ohra . Qal ukoll illi Gerogina Farrugia, it-tifla ta' Carmelo Grech, ukoll kellha xi feriti.

**Gerogina Farrugia,** bin il-kwerelant, xehedet illi kienet tiela f'karozza misjuqa minn zijuha mix-xatt ma' Tedia Farrugia u Anton Cremona u Farrugia gibditilha l-attenzjoni li xi hadd kien qed jaghti lill-missierha u nizlet biex tifred lill-dawn it-tnejn. Hi rat lill-missierha mal-art filwaqt li l-persuna l-ohra kienet qed ittih u rat li kellu mus f'idej u stidinha tavvicinha biex "ghadha x-xema ma tarajhiex (fol 20) u fl-istess waqt laqatha bil-mus f'ghonqa taht il-gerzuma. Din ix-xhud identifikat lill-Emanuel Spiteri, l-imputat, bhala l-awtur ta' din l-agressjoni li ukoll kisrilha imniherha b'daqqa ta' ponn u ghad ghandha ghadma imqabbza fuq imniherha. Hi ezebit certifkat mediku u ritratti in sostenn ta' dan. Dwar missierha, ix-xhud qalet li sofra ticrita kbira wara ghonqu u fuq xoftejh u fuq wiccu in-naha tal-lemin u wara l-widna tax-xellug u

ghalhekk ghabbietu fil-karozza u griet bih l-isptar fejn iddewwa billi sarulu hdax jew tnax-il punt f'wiccu.

In kontro-ezami din ix-xhud qalet li r-ritratti ta' wiccha hadithom xi hames xhur wara l-incident. Hi ma marritx mill-ewwel ghall-kura ta' imniherha ghaliex hasbet li n-nuqqas ta' nifs kien ser jghaddilha biz-zmien. [ic-certifikat mediku igi id-data tal-4 ta' Dicembru 1999 igiefieri cierka hames xhur wara l-akkadut]. Il-vettura ta' missierha kienet tinsab fuq in-naha tax-xellug tat-triq ezatt fejn l-incident thares 'l fuq izda ma tafx kif giet hemm u ma tiftakarx jekk il-glieda sehhitx fil-parapett tad-dar tal-imputat.

**<u>Carmelo Grech</u>**, il-kwerelant, xehed illi huwa kien niezel id-dar bil-vettura tieghu u sema lill-impuat jghidlu xi diskors, waqaf u meta staqsieh x'ried l-imputat beda jirvella u jkelmu pastas ghalhekk dawwar il-karozza u nizel minnha u l-imputat beda jtih bil-mus. L-imputat ghamillu feriti fuq wiccu u wara widintu l-leminija. Dak il-hin tfaccat bint il-kwerelant li qabzet ghall-missierha u l-imputat dar ghaliha ukoll.

In kontro-ezami ix-xhud qal li hu halla l-karozza tieghu f'Mgarr Road meta l-incident sehh f'Ghajnsielem Road. Huwa qal li ma jiftakarx jekk kienx dar il-blokk bil-vettura tieghu biex rega wasal fejn l-imputat u ikkonferma li kien hu li nizel ghall-imputat biex ikellmu izda l-imputat gholla siequ ma sidru u qallbu. Ix-xhud lanas ma jiftakar jekk hu u bintu kienux spiccaw fil-parapett tal-imputat fejn kien instab xi demm.

Loretu Galea xehed illi ghaud kemm hareg minghand ohtu meta ra lill-imputat u sejjahhlu. Dan wiegbu lura u fl-istess hin waqaf Carmelo Grech bil-karozza tieghu u

staqsa lill-imputat jekk kienx qed jirreferi ghalih meta l-istess imputat qallu li ma kienx kellmu. Ix-xhud qal li mar bejnithom u lill-Grech qallu li kien hu li kellem lill-imputat fejn allura lpimputat baqa' sejer u Grech qabbad il-karrozza u nizel l-isfel. Wara dan ma jafx x'gara.

**WPC 121 Mary Spiteri** ikkonfermat illi l-imputa ma ghandux permess mil-Kummissarju tal-Pulizija sabiex igorr temprin.

L-imputat Emanuel Spiteri xehed illi huwa kien sejjer lejn id-dar tieghu, ra lill-Loreto Galea u sellimlu bil-kliem meta sema karozza tirriversja ghal-fuqu u ra lill-Karmenu Grech hareg minn gol-karozza u qallu "Mahmug, trid tghidli xi haga?" Loreto Galea infurma lill-Grech li l-imputat kien kellem lill-istess Galea u Grech baqa' jghidlu "Mahmug, itlaq 'il fuq ghax jaqbillek". X'hin gie biex jaqbad Mgarr Road, Grech rega gie bil-karozz u waqqaf f'nofs it-triq u habat ghall-imputat bit-traffiku ghaddej u t-tnejn jitmeku mal-art. L-imputat jghid li qam u mar jistrieh mal-hajt biex jiehu nifs, giet it-tifla ta' Grech u habtet ghalih. Hu kien ghad jonqsu xi mitejn pied biex jasal id-dar tieghu izda dawn it-tnejn ma tawhx cans jiftah il-bieb u regghu hatfuh fil-parapett. Grech tefghu mal-art u gidimlu subghajh. L-imputat stqarr illi hu jzomm temprin fuqu biex inaddaf dufrejh bih u dak in-nhar hargu ghall-kwerelant u bintu ghax beza minnhom u ried jiddefendi ruhu izda meta hareg it-temprin kien qieghed fi hwejjgu u cioe' fil-parapett. L-imputat qal li ma jiftakarx jekk laqatx lill-xi hadd bih izda jaf li xejjru biex jiddefendi lilu nnffsu.

Minn dawn id-deposizzjonijiet jirrizulta illi Carmelo Grech ma sofra l-ebda sfregju f'wiccu. Kwindi ai termini tal-artikolu 216 (1) (b) l-akkuza ta' kaggun ta' feriti gravi

ma tissustix u dan nonostante l-fatt illi t-tabib kuranti kien ghamel madwar tnax-il punt f'wicc il-kwerelant. L-isfregju huwa trattat b'mod differenti mill-offizi l-ohra deskritti fl-istess artikolu fejn allura tirrizulta l-offiza gravi jekk tista' ggib periklu tal-hajja, debulizza permanenti fis-sahha u ohrajn. L-imputat huwa akkuzat b'rejat specifiku u ma inhargitx akkuza alternativa fil-konfront tieghu. Dwar il-feriti subiti minn Georgina Farrugia, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni taghhom stante li ma hemm l-ebda akkuza f'dan ir-rigward addebitata lill-imputat.

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati talli ikkaguna griehi ta' natura gravi u cioe sfregju fil-wicc fuq il-persuna ta' Carmelo Grech minn Ghajnsielem Ghawdex, bi stument li jaqta' jew iniggez u cioe' temprin u tilliberah minnha.

Il-Qorti izda, issib lill-imputat hati tal-akkuza li garr strument li jaqta' u bil-ponta u cioe' temprin minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, ma ssibx hati talli kiser il-buon ordni b'ghajjar u bl-glied peress illi ma jirrizultax li kien hu l-kawza tal-incident u r-rizultanti storbju u tilliberah minnha.

Wara li rat l-artikolu 13 tal-Kap 66

Tikkundanna lill-imputat ghal hlas ta' multa ta' Lm30 u tastjeni milli tordna l-konfiska tat-temprin stante li mhux ezebit f'dawn l-atti.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur